


# Omiċidji f'Ħal Kirkop ta' l-Imgħoddi

kitba ta' Edward Attard

Għalkemm Ħal Kirkop m'hix lokalità li fiha seħħew ħafna omiċidji, it-tnejn li ġraw mill-1800 baqgħu mhux solvuti. L-ewwel każ kien ta' Vittoria Vella, waħda mill-ixjaħ persuni li nqatlu f'pajjiżna għax kellha 88 sena. Il-qtil tagħha sar fir-residenza tagħha fi Triq Leonardu, fejn il-mara kienet tgħix weħedha. Kien magħruf li din il-mara kienet tislef xi flus lin-nies, għalhekk kienet fil-mira tal-ħallelin għaliex kienet meqjusa bħala waħda li kont issibilha xi sold id-dar.

Il-qtil ta' din il-mara seħħ fil-lejl tad-29 ta' Lulju 1910, u meta l-għada tad-delitt ma kinitx dehret barra, l-ġirien tħassbu u bdew iħabbtu mal-bieb tagħha. Imbagħad meta ma kienx hemm risposta, ssejjaħ in-neputi ta' din ix-xiħa li tela' jittawwal mit-tieqa permezz ta' sellum. Minn hemm seta' jara lix-xiħa mitluqa fuq is-sodda mogħittija bi ċraret u xkejjer, għalhekk minnufih ġew imsejħa l-pulizija li wara li kissru l-ħġieġ tat-tieqa daħlu ġewwa.

Vittoria Vella nstabet mejta u minbarra li kellha idejha u riġlejha marbutin, kellha wkoll qasrija mdaħħla f'rasha. Il-mara ġiet fgata u għalkemm ma kienx hemm dubju li d-delitt twettaq minħabba s-serq, ma kienx magħruf jekk dak jew dawk li qatluh kinux serquha. Dan seta' jintqal għax il-pulizija sabet xi deheb, flus u ktieb tal-bank moħbija f'barmil taż-żibel. Il-pulizija sabet ukoll borża żgħira li fiha kien hemm 30 lira tad-deheb u jidher li min daħal biex jisraq ma ndunax bihom.

Peress li l-bieb ta' barra ta' fejn sar dan id-delitt instab magħluq, kif instab il-bieb tal-kamra fejn inqatlet din il-mara, min daħal għandha ma kien għamel l-ebda sgass. Għalhekk il-pulizija kkonkudiet li min kien daħal għandha daħal meta l-bieb kien miftuħ jew li l-vittma fetħitlu. Kien ukoll maħsub li l-ħalliel ħarab billi qabeż minn għoli ta' madwar 20 pied, jew aħjar, mit-tieqa tal-kamra fejn instabet Vittoria. Ma din it-teorija, l-pulizija ssuspettat ukoll li xi ħadd seta' daħal u ħareġ fid-dar ta' l-anzjana permezz ta' sellum, għalkemm mal-ħajt ma kien hemm l-ebda sinjal li jikkonferma dan.

Il-qtil ta' din il-mara baqa' misteru u minkejja li kien hemm xi suspetti dwar min seta' wettaq dan id-delitt, il-pulizija baqgħet ma ressqet lil ħadd quddiem il-Qorti.

Flimkien ma' dan id-delitt kien hemm ieħor bejn Ħal Luqa u Ħal Kirkop, delitt ieħor li ma kienx solvut. Il-vittma kien Beneditto Axiaq li f'Novembru 1836 instab mejjet fit-triq b'daqqiet ta' sikkina. Kienu ssemmew tliet persuni li setgħu wettqu dan l-omiċidju u ntqal ukoll li l-ewwel rabtu l-vittma minn għonqu permezz ta' ħabel u wara tawh xebgħa sikkina.